**FIL-QORTI CIVILI**
**(SEZZJONI TAL-FAMILJA)**

**L-ONOR. IMHALLEF ANTHONY VELLA**

**Seduta ta' nhar it-Tlieta 14 ta' Jannar 2020**

**Rikors nru: 15/14 AGV**

AB

vs

CB

**Il-Qorti,**

Rat ir-rikors tar-rikorrent pprezentat fis-17 ta' Jannar, 2014 li permezz tieghu ppremettiet u talbet is-segwenti:-

1. Illi l-partijiet inghaqdu fiz-zwieg fil-gurnata tat-23 ta' Gunju, 1996 u minn din l-ghaqda twieled tifel bl-isem ta' DB li llum ghandu 13-il sena;

2. Illi l-hajja konjugali bejn il-partijiet kontendenti m'ghadhiex aktar impossibbli u dan minhabba htijiet imputabbli lill-intimata konvenuta senjatament minhabba theddid, eccessi, sevizzi, ingurji gravi, vjolenza, abbuzi da parti tal-intimata fil-konfront tal-esponenti u in subsidium, ghax iz-zwieg tkisser irrimedjabilment u dan kif ser jirrizulta waqt it-trattazzjoni tal-kawza;

3. Illi l-esponenti ottjena d-debita awtorizzazzjoni ta' din l-Onorabbli Qorti Civili (Sezzjoni tal-Familja) fl-20 ta' Novembru, 2013 biex ikun jista' jipprocedi f'din l-istess stanza; u

4. Illi t-tentattivi kollha biex jintlahaq ftehim bonarju ma swew ghal xejn u ghalhekk kellhom jigu ntavolati l-proceduri odjerni.

Ghaldaqstant, l-esponenti umilment jitlob lil dina l-Onorabbli Qorti joghgobha:-

1. Tiddikjara u tippronunzja s-separazzjoni personali bejn il-partijiet kontendenti minhabba ragunijiet imputabbli lill-konvenuta intimata u tawtorizza lill-attur rikorrenti jghix separatament mill-konvenuta intimata;

2. Tordna li l-kura u kustodja tal-minuri DB tigi fdata f'idejn il-partijiet konguntivament u tiffissa granet u hinijjiet li fihom l-attur ghandu jkollu access ghall-minuri;

3. Tordna u tikkundanna lill-konvenuta intimata tivversa manteniment ghall-attur rikorrenti ghalih innifsu, skond il-mezzi tal-attur rikorrenti, liema manteniment ghandu jigi likwidat u iffissat minn din l-Onorabbli Qorti;

4. Tiddikjara li l-konvenuta intimata ddekadiet minn kwalsiasi dritt li titlob jew li tippercepixxi manteniment minghand l-attur rikorrenti r-ragel

taghha, mentri hu jibqghalu d-dritt li jesigi minghandha l-hlas ta' manteniment ghalih;

5. Tapplika kontra l-konvenuta intimata interament jew in parti, id-disposizzjonijiet tal-Artikolu 48 et seq tal-Kap.16 tal- Ligijiet ta' Malta;

6. Tiddikjara xolta l-komunjoni tal-akkwisti ezistenti bejn il-partijiet kontendenti u tordna li l-istess oggetti formanti mill-istesss komunjoni jigu maqsuma f'zewg porzjonijiet kif jigi stabilit u ordnat minn din il-Qorti, liema porzjonijiet ghandhom jigu assenjati, wahda lill-esponenti u l-ohra lill-konvenuta intimata, okkorendo bl-opera tal-periti nominandi;

7. Tinnomina Nutar Pubbliku jekk ikun il-kaz biex jircievi l-att ta' divizjoni relattiv u kuraturi biex jirrapprezentaw lill-eventwali kontumaci fuq l-istess att;

8. Tikkundanna lill-konvenuta intimata tikkonsenja lill-esponenti l-beni parafernali tieghu u tordna li l-esponenti ghandu jinghata l-pjena amministrazzjoni tal-beni parafernali tieghu;

9. Tawtorizza lill-attur rikorrenti jirregistra fir-Registru Pubbliku s-sentenza moghtija minn din l-Onorabbli Qorti;

Bl-ispejjez kontra l-konvenuta li qed tigi minn issa ngunta in subizzjoni.

Rat ir-Risposta Guramentata tal-konvenuta li eccepiet illi:-

1. Illi filwaqt illi hija taqbel li tigi ppronunzjata l-firda personali bejn il-kontendenti kif ukoll taqbel li l-attur ghandu jghix separatament minn mal-esponenti, hija topponi li l-htija tat-tifrik taz-zwieg hija attribwita lilha.

2. Illi hija topponi li l-kura u kustodja tal-minuri DB tibqa' fdata konguntivament f'idejn iz-zewg partijiet u dan minhabba li l-esponenti thoss li jkun fl-ahjar interess tal-minuri li l-kura u kustodja tieghu tigi fdata esklussivament f'idejn il-konvenuta hekk kif ser jigi ppruvat waqt it-trattazzjoni tal-kaz. Il-konvenuta taqbel li jigi regolat l-access tal-attur ghall-minuri.

3. Illi hija topponi t-tielet talba tal-konvenut u dan *inter alia,* minhabba li l-attur jahdem u ghandu l-mezzi biex imantni lilu nnifsu.

4. Illi hija topponi ghar-raba' talba tal-attur u dan minhabba li l-konvenut ma rrenditx ruhha hatja ta' komportament li jimmerita d-dekadenza.

5. Illi hija topponi ghall-hames talba tal-attur.

6. Illi hija ma topponix ghas-sitt talba tal-attur u taqbel illi l-komunjoni tal-akkwisti tigi xolta u likwidata.

7. Illi s-seba' talba tal-attur hija superfluwa.

8. Illi hija topponi ghat-tmien talba tal-attur u dan minhabba li hija m'ghandha l-ebda beni parafernali tal-attur fil-pussess jew taht il-kontroll taghha.

9. Illi hija ma topponix ghad-disa' talba tal-attur.

Salv eccezzjonijiet ulterjuri.

Rat il-kontro-talba tal-konvenuta li ppremettiet:-

1. Illi l-partijiet izzewwgu fit-23 ta' Gunju, 1996 u minn dan iz-zwieg twieled tifel DB – li llum ghandu 13-il sena.

2. Illi l-hajja konjugali bejn il-partiijiet m'ghadhiex iktar possibbli u dan minhabba li l-attur rikonvenzjonat irrenda ruhu hati ta' theddid, eccessi, sevizzi u ngurji gravi fil-konfront tal-konvenuta rikonvenzjonanti u sussidjarament minhabba li z-zwieg bejn il-partijiet tkisser irrimedjabilment.

3. Illi peress illi t-tentattivi biex jintlahaq ftehim bonarju ma swew ghal xejn kellhom jigu ntavolati l-proceduri odjerni.

Ghaldaqstant, l-esponenti umilment titlob lil dina l-Onorabbli Qorti toghgobha:-

1. Tippronunzja s-separazzjoni bejn il-partijiet u dan htija unika tal-attur rikonvenzjonat.

2. Tapplika kontra l-attur rikonvenzjonat *in toto* jew *in parte* d-disposizzjonijiet tal-Artikolu 48 et sequitur tal-Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta.

3. Tordna illi l-kura u kustodja tal-minuri DB tigi fdata esklussivament f'idejn il-konvenuta rikonvenzjonanti.

4. Tiffissa granet u hinjijiet meta l-konvenut jkun jista' jezercita l-access ghall-minuri DB.

5. Tiffissa manteniment xieraq ghall-bzonnijiet tal-konvenuta rikonvenzjonanti u tordna lill-attur ihallas l-istess manteniment lil istess konvenuta rikonvenzjonanti.

6. Tiffissa manteniment xieraq ghall-bzonnijiet tal-minuri DB u tordna lill-attur ihallas l-istess manteniment lil istess konvenuta rikonvenzjonanti.

7. Tiddikjara xolta l-komunjoni tal-akkwisti ezistenti bejn il-kontendenti u tordna li l-istess oggetti formanti parti mill-komunjoni tal-akkwisti jigu divizi bejn il-partijiet, okkorrendo b'opera tal-periti nominandi sabiex jillikwida l-istess komunjoni.

   Bl-ispejjes kontra l-konvenut rikonvenzjonat.

Rat ir-Risposta guramentata tal-attur AB li eccepixxa illi:-

1. Illi filwaqt li l-esponenti jaqbel li tigi pronunzjata l-firda personali bejn il-partijiet, huwa jopponi ghat-tifrik taz-zwieg li jigi attribwit lilu;

2. Illi l-esponenti jopponi ghat-tieni talba u dan peress li huwa ma jahtix ghat-tifrik taz-zwieg bejn il-partijiet;

3. Illi l-esponenti jopponi li l-kura u kustodja tkun fdata esklussivament f'idejn il-konvenuta rikonvenzjonanta u dan peress li huwa jhoss li jkun fl-ahjar interess tal-minuri li l-kura u kustodja tieghu tkun fdata b'mod konguntiv u dan peress li ma jezistux l-estremi legali ghalfejn l-attur rikonvenut ghandha tigi nnegata lilu l-kura u kustodja kongunta ta' ibnu;

4. Illi l-esponenti jaqbel mar-raba' talba, b'dan li dawn il-granet u hinijiet jkunu jirriflettu l-ahjar interess tal-minuri DB;

5. Illi l-esponenti jopponi ghall-hames talba u dan peress li l-konvenuta rikonvenzjonanta ghadha zghirha, tiflah tahdem, fil-fatt tahdem u kapaci tmantni lilha nnifsha minghajr problemi;

6. Illi l-esponenti jaqbel mas-sitt talba dejjem jekk il-minuri DB ikun ighix b' mod regolari m'ommu l-konvenuta rikonvenzjonanta;

7. Illi l-esponenti jopponi ghas-seba' talba tal-konvenuta rikonvenzjonanta u dan peress li hu m'ghandu l-ebda beni parafernali tal-konvenuta rikonvenzjonanta fil-pussess jew taht il-kontroll tieghu.

Salv eccezzjonijiet ulterjuri.

**FATTI**

**RESPONSABBILITA'**

1. Il-kontendenti kienu damu gharajjes ghal hames snin u nofs qabel ma zzewwgu. Fis-sena 2000 kien twieled it-tifel taghhom D, u l-attur jispjega li minhabba f'hekk l-attrici kienet waqqfet tahdem u hu kien il-*main breadwinner*. Jichad li kienet waqfghet tahdem meta t-tifel kellu tlett snin. Kellu paga ta' cirka €1000 u dan ibbazah fuq medja tal-paga tieghu tul is-snin peress li kien tela' diversi gradi fl-armata u jghid li l-konvenuta ma kinitx tilmenta, ghax kien jaghtiha paga ta' €658 biex tixtri l-affarijiet essenzjali biex tghijex familja. L-attur ikkonferma ukoll li kien hemm drabi fejn kien inaqqas xi spejjes mill-flus li kien jaghtiha bhal per ezempju l-flus li kien jonfoq biex jixtri l-ikel waqt li kien ikun ix-xoghol ghax ma kinitx tippreparalu xejn. Ighid ukoll li minn dan l-ammont kienet thallas ukoll il-kontijiet tat-telefon. L-ispejjes tal-gyzer gdid kienu qasmuh.

2. L-attur jikkonferma li fis-sena 2001 kien mar ikellem avukat biex jibda l-proceduri ta' separazzjoni ghaliex martu ma kinitx baqghet tirrispettah. Kien imbaghad dejjem jahfrilha u jerga' jwaqqaf il-process ta'

separazzjoni. Fil-fatt kien bghatt diversi ittri legali fil-31 ta’ Mejju, 2001, fil-31 ta’ Mejju, 2002, fit-22 ta’ April, 2007 u fl-1 ta’ April, 2013 u fl-10 ta’ April, 2013.

3. L-attur jispjega illi ma tantx kien ihossu kuntent bil-mod kif kienet titrattah martu, ma kinitx tlestielu ikel ghax-xoghol bhalma kienu jaghmlu n-nisa ta’ shabu tax-xoghol. Kienu jmorru jixtru mis-supermarket darba fix-xahar flimkien, izda mbaghad l-attrici ma riditx taghmel hekk aktar u dan peress li riedet tfaddal flus ghaliha u spiccat biex tixtri hafna ikel irhis u mhux tajjeb ghas-sahha. L-attur jichad li kienu waqqfu jmorru s-supermarket peress li kien jilmenta li kien qed jonfoq id-diesel biex iwassalha.

4. Ighid li darba kienu marru ghand counsellor fuq insistenza ta’ martu u dan peress li kellhom argument banali, l-aktar minhabba li l-konvenuta kienet tirrabbja ghaliex kien izur lill-genituri tieghu wara x-xoghol u kien jittardja ftit. Nhar ta’ Sibt kien jiehu lit-tifel ghand il-genituri tieghu mit-8.30 sas-6.00 pm sakemm il-konvenuta kienet tnaddaf il-post.

5. L-attur jistqarr li anke r-relazzjonijiet intimi bejniethom ma kienux tajbin u kemm il-darba l-konvenuta kienet tirrifjutah u spicca biex dan affettwah emozzjonalment, imma minkejja dan kien ipprova jsalva z-zwieg.

   Kien jahdem mal-AFM u gieli kien ikollu xoghol ta’ bil-lejl u meta kien imur id-dar jorqod kienet tqajjmu. Kien hemm hafna nuqqas ta’ rispett anke lejn il-familjari tieghu u sahansitra ma kinitx thalli lit-tifel imur ghand in-nanniet paterni.

6. L-attur jispjega li l-attrici kienet aggressiva fil-konfront tieghu u kien hemm drabi meta kienet twaddablu xi oggetti bhal remote controls jew taghtih bil-lasta ta' xkupa. Ighid li kien hemm incident meta kienet tatu b'sewing picker u kellu bzonn tlett punti, pero' qatt ma kien irrapurtaha lill-pulizija minhabba ibnu. EF, habib tal-familja tal-attur u tal-attur stess kien ikkonferma dan l-incident ghax inserta kien ghand il-genituri tal-attur u kien cempel lil ommu biex igharrafha b'dan u mbaghad kien gie ghandhom. L-istess xhud F jghid li kien hemm drabi fejn kien jinduna li l-attur ma kienx ikun bhas-soltu. Il-konvenuta tichad dan l-incident u tghid li l-attur kien wasal id-dar tard ghax kien ghand ommu u talbitu jahsel lit-tifel u rrifjuta. Dak il-hin kienet qed thit keffa ta' qalziet u kellha picker f'idejha. Tispjega li kif l-attur beda jtiha bis-safety shoes f'rasha, marret tilqa' mid-daqqiet u kellha l-picker f'idejha u dahlet f'idu. Tikkonferma li wara kellha ugigh f' ghonqha u f'r asha.

7. GB, omm l-attur tikkonferma l-incidenti msemmija mill-attur, li l-konvenuta ma kienux tiehu gost li kien jmur ghandhom wara x-xoghol. Tistqarr li l-konvenuta kienet tkun vjolenti ukoll mal-attur, kienet twaddablu z-zraben u kienet ukoll gieli ratlu l-grif m'ghonqu, minkejja li l-attur kien jaghtihielha.

   Tistqarr ukoll li kemm il-darba hi kienet torganizza xi ikla ghal xi okkazjoni specjali, il-konvenuta dejjem kienet tara kif se thassar il-festi u meta l-attur kien jirnexxielu jigi kienu jigu tard u lanqas jieklu maghhom jew kien jispicca jmur wahdu. Kienu sahansitra marru bil-mohbi biex jaraw lit-tifel u cioe' n-neputi fil-precett u fil-grizma, ghaliex il-konvenuta ma kinitx stiednithom.

Isemmi incidenti fejn wara li regghet bdiet tahdem il-konvenuta kienu ftehmu li jaqsmu l-ispejjes tal-hajja u kontijiet, izda ma bdietx taghmel hekk u kellhom xi jghidu u cartitlu l-qmis, li spiccaw li kellhom jigu nvoluti l-pulizija. Peress li kien ikun hemm hafna nkwiet kienu jispiccaw imorru ghand l-attur biex ighinuh. Kienu anke jtellghulu l-ikel ix-xoghol. Omm l-attur tistqarr ukoll li jghinuhom hafna bit-tifel peress li l-konvenuta tahdem hinijiet twal, izda tghid li ma tantx kienet mara affidabbli ghax ma kinitx tghidilhom li kienet ser iddum u thallihom jistennew. Meta jippruvaw ikellmuha titpastaz u tghajjat, li anke t-tifel D jibza' minnha.

Tghid ukoll li l-konvenuta kienet taghmel affarijiet biex tipprovoka lill-attur u li kienet tiffittah meta kien idum, donnu li kien fuq l-istonku.

8. HB missier l-attur jiddeskrivi lill-konvenuta bhala bniedma ras iebsa u possessiva u jsemmi xi incidenti bhala konferma ta' dan, u cioe' meta ghamlilhom is-sistema sabiex itellghu l-ilma mill-bir ghat-tank u meta kien ghamlilhom ir-rampa ghall-garaxx. Ighid li l-attur kien jisma' minn martu biex ma jaqlax inkwiet.

Isemmi diversi incidenti ohra bhal meta kien mar jara minn fejn kien hiereg l-ilma fil-hajt tad-dar tal-partijiet u minflok il-konvenuta kienet bdiet tghajjat u tghajjar lilu u lill-mara. Jikkonferma ukoll li gieli kien rah il-grif fuq ras l-attur u kien jinduna li kienet ghamlithomlu l-konvenuta. Jikkonferma ukoll l-incident fejn ghamlitlu farrett b'ganc tal-hjata.

Kienet qalghet kwistjonjiet mal-bennej li kien qabdilha u mar-ragel li kien gie jinstallalhom l-*heating system.*

9. Il-konvenuta tghid li l-attur kien refa' idejh fuqha quddiem il-genituri tieghu gimgha qabel it-tieg u wara z-zwieg kien sar aghar. F' Dicembru, 1997 kien sehh incident fejn waqt argument kien waddabha mal-art u kienet wegghet geddumha. Riedet tmur taghmel rapport, izda kien sakkarha gewwa u mbaghad peress li cempel lil ommu kienet giet biex izzieghel biha u ma hallitix tmur l-ghassa ghax hasbet li se jdahhku n-nies biha. Tghid li l-attur kien iwaddbilha kull ma jkollu f'Idu.

Fl-ewwel xhur tat-tqala l-konvenuta kellha toqghod l-isptar peress li kien ser ikollha t-tieni korriment. Tul dan iz-zmien tghid li l-attur qatt ma gabilha ikel u kienet imbaghad marret ghand ommha biex tistrieh, izda ma kienx mar joqghod maghha tul dan il-perjodu.

Il-konvenuta tghid li sakemm hi baqghet tahdem sa Dicembru, 2003 kien jaghtiha biss Lm100 u l-bqija kienet tohrog il-flus hi. Kienet thallas il-kontijiet kollha u anke l-ghamara ghax tghid li l-attur kien ihalliha vojta.

Tghid li l-problemi zdiedu meta kellhom tifel f' Novembru, 2000. Kellha tmur tahdem b'zewg shiftijiet, filwaqt li ghall-bidu omm l-attur kienet izomm lit-tifel, izda mbaghad irrifjutat u bdiet izommu ommha. Kien ighajjarha li ma tafx trabbi lit-tifel u tant kienu jiggieldu li kien hemm drabi fejn l-attur gabilha l-pulizija. Minn hawn beda anke jerfa' jdejh fuqha u kienet marret ghand l-Appogg li kienu rrakkomandawlha li tmur taghmel certifikat ghand tabib u hekk bdiet taghmel.[1]

Minn Jannar 2004, tghid li kienet ghaddejja minn aktar mohqrija ghax kienet waqfet tahdem u l-attur kien jaghtiha Lm280 ('l quddiem €652) u

---

[1] Ara Dok.MM1 sa MM6 a fol.282-287 tal-process.

minnhom kellha thallas ghal kwalsiasi kontijiet u spejjes li kienu jinqalghu. Jekk l-attur kien ihallas xi haga hu kien inaqqashom mill-ammont li kien jaghtiha u kien izomm nota taghhom.[2] Ommha kienet xtrat laptop ghat-tifel taghhom peress li missieru ma riedx jixtrielu.

Isemmi l-incident li sehh fil-Gimgha l-Kbira fl-2007, fejn it-tifel kien ma jiflahx u kien migugh. L-attur kien spicca mar ghand ommu minflok hadu l-isptar u meta fl-ahhar hadu, zammewh u l-attur lanqas biss gabilha xi haga x'tiekol. Ommu mbaghad kienet giet l-isptar u qalghet l-inkwiet.

Il-konvenuta tghid li kienet skopriet illi l-attur kien qed jiehu kalmanti "Stablon" u dan minhabba li l-genituri tieghu kienu haduh ghand psikjatra u kienu ppruvaw jahbulha. [3] Peress li kien ighajjarha mignuna kienet marret ghand psikjatra hija stess u kien ikkonferma li ma kellhiex problemi mentali u li l-problemi li kellha kienu emozzjonali minhabba l-vjolenza domestika u li kien ahjar jekk tissepara peress li l-attur kien ser immaradha.[4]

L-attur lanqas biss kien ta' ghajnuna meta kienet qed tmut ommha u kien iqatta' aktar hin ghand ommu u lanqas kien ighinha bit-tifel li kien ikun maghha l-isptar.

Il-konvenuta tkompli ssemmi episodji fejn l-attur kien xhih maghha bhal meta hargu jieklu maz-zijiet u riedha thallas sehemha u tat-tifel jew meta kienu jmorru Bugibba fis-sajf u kien imur jixtri gelat u birra ghalih biss.

---

[2] Ara Dok. MM7 u MM8 a fol. 288-289 tal-process.
[3] Ara Dok. MM9 a fol. 290 tal-process.
[4] Ara Dok. MM11 a fol. 292 tal-process.

Kien għalhekk li mill-10 ta' Settembru, 2012 il-konvenuta bdiet taħdem bħala supervisor mal-Foster Clarks Ltd.

Tispjega li wara li kellha incident, kienet iddecidiet li tixtri karozza bi flusha u sakemm kellha l-karozza tgħid li l-attur qatt ma kien mar jigborha mix-xogħol. Minflok kien ikun għand il-ġenituri tiegħu.

Minħabba li bdiet taħdem, fuq suggeriment t'ommu, l-attur kien waqaf ighaddilha l-ammont kollu ta' kull xahar u minflok beda ighaddilha €325 u  mbagħad minn Jannar, 2013 ma beda jagħtiha xejn u tħallas kollox hi. F' Ottubru, 2013 tgħid li kien taha l-ewwel manteniment tat-tifel ta' €140 u mbagħad għamel perjodu rega' waqaf u kellha tħallas kollox bħal spejjez ta' mard u skola. [5] Illum taħdem bħala supervisor u għandha paga ta' €1500 fix-xahar grossi. Gieli jkollha xi overtime, pero' tgħid li ma taqbadx aktar minn €100.

Il-konvenuta tgħid li kienu ser jibdew proceduri ta' separazzjoni kemm il-darba, fl-2001, fl-2002 u fl-2007. Tgħid li fejn kienet tirrifjuta li toqgħod għal dak li kien ighidilha kien imur dritt għand avukat. Fis-sena 2013, tgħid li rrealizat li ma setgħetx tibqa' tgħix hekk, minkejja kull darba li kien jiftaħ il-proceduri ta' separazzjoni, l-attur kien jerga' jipprova jirranga. Imbagħad f'April, 2013 l-attur kien telaq mid-dar matrimonjali u mar jgħix għand ommu u ħa miegħu l-videocamera u l-playstation tat-tifel.

Il-konvenuta tistqarr li ppruvat tasal għal separazzjoni bonarja, pero' kien difficli li tasal għall-ftehim mal-attur. Peress li kien jinsisti li tagħtih ircevuta kull darba għall-ispejjes edukattivi tat-tifel u kien anke saħanistra

[5] Ara Dok. DOC

jippretendi li l-ghalliema jaghtuh rendikont tal-ispejjes relatati mal-iskola. Fl-ahhar tghid li ghamlet rikors biex l-ammont ta' manteniment ikun inkluz tal-ispejjes kollha tat-tifel u llum jilmenta li l-ammont ta' €350 fix-xahar huwa hafna, meta l-konvenuta tghid li minn dawn il-flus hi tixtri kull ma ghandu bzonn it-tifel bhal laptop li sewa €1029.

10. IJ, oht il-konvenuta tispjega li meta ohtha kienet bdiet tahdem kienet sabet hafna ghajnuna minghand ommha u hija ukoll kienet tghinha peress li kienu jahdmu fl-istess fabbrika u s-shifts kienu jinhadmu b'mod li ma kinux jahdmu fl-istess shift sabiex tkun tista' tghin lil ohtha fejn ommhom ma setghetx tghin.

Tghid li l-attur kien jevita li jattendi xi tieg jew xi ristorant fejn kienu ltaqghu l-familja taghhom. Tistqarr ukoll li l-attur kien xhih m'ohtha l-konvenuta ghaliex kien irrifjuta li jinstalla gyzer fid-dar taghhom u mbaghad fl-ahhar kienu qasmu l-ispiza u l-attur beda jnaqqas mill-ammont ta' flus li kien jaghtiha lill-konvenuta ghall-hajja. Omm il-konvenuta kienet tatha l-flus, izda l-konvenuta kienet irrifjutat peress li qalet li l-attur kellu l-flus. Kien anke rrifjuta li jixtri laptop ghat-tifel minuri u kienet omm il-konvenuta li kienet xtratulu. Bil-flus li kien ighatiha fix-xahar kien jippretendi li thallas kollox.

Dwar l-attur tghid ukoll li meta l-konvenuta kienet irrikoverata l-isptar ma kienx igibilha l-ikel, kienu jehdulha l-ikel huma. Meta kienet qed tmut ommhom lanqas kien imur jaraha u minflok kien imur ghand il-genituri tieghu.

Oht il-konvenuta tistqarr ukoll li l-attur kien vjolenti m'ohtha u kemm il-darba kellha tehodha ghand it-tabib peress li kienet tibki bl-ugigh minhabba d-daqqiet. Kien anke jsawwat lit-tifel.

11. PS 1225 Mario Fenech esebixxa diversi rapporti li saru mill-attur kontra l-konvenuta[6] u WPC 289 Svetlana Marie Borg esebit sitt rapporti li saru mill-konvenuta kontra l-attur[7] kif ukoll hames rapporti ohra li saru mill-konvenuta ukoll.[8]

12. Dr. Jessica Muscat ikkonfermat li kienet tahdem il-polyclinic il-Mosta kkonfermat certifikat li kien mahrug minnha.

13. Philip Azzopardi, ufficjal inkarigat mill-ufficji tal-paga tal-Forzi Armati ta' Malta pprezentat dokumentazzjoni sabiex jindika dwar liema trade (tip ta' xoghol li kien jaghmel) meta spicca (A1 – il-masssimu li wiehed jista' jasal).[9] Ipprezenta ukoll il-basic salary tal-attur ghas-sena 2014, 2015 u 2016.[10]

Dwar il-pensjoni jispjega li tkun id-decizjoni tal-impjegat li jiddeciedi li jieqaf, meta huma ghandhom l-ghazla li jibqghu jahdmu oltre l-hamsa u ghoxrin sena servizz, bil-kundizzjoni li ma jaqbzux l-eta' ta' hamsa u hamsin sena.

Esebixxa ukoll dokumenti dwar il-pensjoni li jircievi l-attur. [11]

---

[66] Ara Dok. MF 1- MF 6 a fol.110-129 tal-process.
[7] Ara Dok. WPC 1- 6 a fol.296-311 tal-process.
[8] Ara dok.WPC 7 – WPC 11 a fol. 313-325 tal-process.
[9] Ara Dok, AFM 1 a fol.267 tal-proces.
[10] Dok. AFM 3 – AFM 5 a fol.269-271 tal-process.
[11] Dok.AFM 2 a fol. 268 tal-process.

14. Sarah Micallef, social worker fi domestic violence unit Appogg, ikkonfermat li l-konvenuta kienet ghamlet kuntatt mal-Agenzija Appogg mas-sezzjoni tad-Domestic Violence minn Novembru, 2003 u kien inghalaq fis-sena 2004, izda nfetah diversi drabi tul is-snin.

    Ipprezentat ukoll is-summary ta' dak li ntqal mill-konvenuta li x-xhud ippreparat hi stess.[12]

15. Saviour Theuma in rapprezentanza tad-Dipartiment tas-Sigurta' Socjali kkonferma li l-uniku beneficcju li qatt ha l-attur kien fis-sena 2016 ghal gimaghtejn bejn it-18 ta' Jannar, 2016 u d-29 ta' Jannar, 2016 u dan kien jinkludi ukoll beneficcju tal-mard.

**<u>KOMUNJONI TAL-AKKWISTI</u>**

L-attur ighid li fiz-zwieg kienu xtraw is-segwenti proprjeta' :-

1. Terraced house kompluta bil-basement garage at 30, Tommy Agius Ferrante Street, Mtarfa b'valur ta' €520,000[13]

2. Zewgt ikmamar tas-sodda double

3. Kamra tas-sodda wahda single

4. Kcina wahda kompluta bl-appliances

5. Sitting room, three seater sofa u zewg single seater sofa

[12] Ara Dok. SM1 a fol.272 tal-process.
[13] Ara Dok. MMC a fol. 352 tal-process.

6. Zewg settijiet tat-televizjoni.

7. Chest freezer

8. Zewg karozzi, Opel Astra bin-numru ta' registrazzjoni MUS 696 u Hyundai i20[14] b'numru ta' registrazzjoni KBP 839 li qiedgha ghand il-konvenuta. Il-konvenuta tghid li kienet hallset parti mill-karozza bil-flus li kienet wirtet minghand ommha fl-ammont ta' €5018.80

9. Kontijiet bankarji f'isem l-attur

10. Kontijiet bankarji f'isem il-konvenuta.

**IKKUNSIDRAT**

**<u>RESPONSABBILITA' TAL-FIRDA</u>**

1. **<u>Dwar Sevizzi  u Ingurji gravi</u>**

Ir-rikorrent talab separazzjoni minn ma' martu peress li jhoss li rrendiet ruhha hatja ta' eccessi, sevizzi u offizi gravi kif ukoll vjolenza. L-istess il-konvenuta fil-kontro-talba taghha talbet is-separazzjoni minn ma' zewgha l-attur peress li rrenda ruhu hati ta' sevizzi, ingurji gravi, eccessi u theddid.

Fis-sentenza **Antoinette Cauchi vs Alexander Cauchi**, l-ingurji jew offizi gravi gew definiti bhala li "***jinkludu kliem jew agir illi joffendu l-pudur ta' dak li jkun minkejja illi dawn jirreferu ghal affarijiet vera jew foloz."***

[14] Ara dok.143 tal-process.

Gie ukoll ritenut li ghas-sejba ta' htija fit-tkissir taz-zwieg dawk is-sevizzi, minacci u ingurji gravi jkunu kommessi abitwalment u ripetutament. Fis-sentenza **Jayne Margaret Chetcuti vs Lawrence Chetcuti** moghtija mill-Qorti tal-Appell fil-15 ta' Dicembru, 2015 gie ddikjarat illi ***"….mhux kull nuqqas da parti ta' konjugi versu l-konjugi l-iehor jwassal ghas-sevizzi, minacci jew ingurja gravi fit-termini tal-Artikolu 40 tal-Kodici Civili u huma biss dawk in-nuqqasijiet li, maghmula ripetutament u abitwalment, iwegghu u jferu lill-konjugi sal-grad li l-konvivenza matrimonjali ssir wahda difficli u insopportabbli. Kif jinsab ritenut fil-gurisprudenza patria: "Per sevizie del senso della legge s'intendono atti abituali di crudelta' che offendono la persona o l'anima di colui e sono diretti al punto di ingenerare in lui perturbazione, un dolore ed un aversione verso chi commette tali atti [ PA Camilleri utrinque, 16 Marzu, 1898]."***

Ir-rikorrenti ghamlet ukoll referenza ghall-kaz **Catherina Agius vs Benedict Agius,** deciza fit-13 ta' Gunju, 1967 mill-Prim'Awla tal-Qorti Civili fejn gie pprecizat illi l-fatturi kontemplati fl-Artikolu 40 fuq citat iridu jkunu tali li joholqu sitwazzjoni fejn il-partijiet jispiccaw ighixu "***f'sistema costante di vessazione e di disprezzo, di oltraggio e di umiliazione che rendono almeno insopportabili l'abitazione e la vita comune."***

Gie enunciat fil-kawza fl-ismijiet **Elisa Thompson vs Edward Thompson** illi sabiex tigi promossa b'success l-azzjoni tas-separazzjoni personali, m'hemmx htiega illi jigu ppruvati l-eccessi, sevizzi, minacci u l-ingurji gravi b'mod kumulattiv, izda jkun sufficjenti illi tigi ppruvata raguni wahda sabiex jigi stabbilit illi l-hajja matrimonjali tkun giet reza' mpossibbli da parti ta' xi wahda mill-partijiet jew min minnhom.

Minn evaluwazzjoni tal-provi hemm verzjonijiet kontrastanti dwar il-problemi li waslu ghas-separazzjoni bejn il-kontendenti. L-attur jattribwixxi l-htija lill-konvenuta peress li kienet kontinwament tghajjru u kienet kontinwament tevita li tkun fil-presenza tal-genituri tieghu.

Isemmi incident fejn jallega li tatu daqqa f' idu b'sewing picker u minkejja li dan gie kkonfermat mill-familjari u hbieb tieghu, il-konvenuta tinnega dan il-fatt u tattribwixxi l-fatt li l-ferita saret per konsegwenza li bdiet tiddefendi ruhha mid-daqqiet li kienet qed taqla' minghand ir-ragel bis-safety shoes. Dan huwa kkonfermat ukoll mir-rapporti li kienet ghamlet l-ghassa.

Il-konvenuta ssemmi diversi incidenti ohra fejn tallega li l-attur kien jerfa' idejh fuqha u li kien iwaddbilha oggetti.

Il-konvenuta takkuza lill-attur talli kien kontinwament imaqdarha, li kien xhih maghha u kien iqatta' wisq hin ghand ommu, li ukoll kienet tindahal hafna f' hajjithom u kienet parti mill-problema. Il-konvenuta kienet tispicca thallas hafna mill-kontijiet u kienet anke tghinha hafna ommha finanzjarjament, ghax kieku lanqas kienet tkampa. Ommha kienet xtrat laptop lill-minuri ghax l-attur kien irrifjuta li jixtrihielu.

L-attur, skond il-konvenuta lanqas kien jirrispettaha ghax meta giet rikoverata l-isptar, meta kien imur jaraha ma kienx jehodilha x'tiekol. Lanqas mar ighix maghha ghand il-genituri taghha meta kienet ser terga' tkorri. Meta kienet qed tmut omm il-konvenut lanqas ma mar jaraha. Kien jippreferi joqghod ghand ommu.

Il-konvenuta per se pero' ma tidhirx li hija l-vittma assoluta u din il-Qorti hija konvinta li kienet ingurjat lill-attur u kienet difficli bhala persuna, izda

meta jigi kkonsidrat li l-attur ma kienx jaghtiha importanza f'hajtu, il-fatt li kien arroganti u vjolenti maghha, iwassal biex wiehed jaghder lill-konvenuta u qatt ma mxiet kriminalment peress li kienet tipprova ssalva z-zwieg.

Il-konvenuta gabet provi ukoll li l-attur ma kellu ebda rispett lejha u qatt ma kien prezenti ghaliha f'mumenti ta' ferh jew difficli u ghalhekk dina l-Qorti tiggustifika u tista' tifhem l-agir u l-komportament tal-konvenuta li kienet thossha se timrad bil-perseveranza tieghu, bil-fatt li kien jiddedika wisq hin ghand il-genituri tieghu u ma kienx responsabbli ghal mat-tifel.

Ghalkemm ma ngabux aktar provi ddettaljati, il-konvenuta ssemmi li skopriet li l-attur kien jiehu xi kalmanti u kien imur ghand psikjatra bil-mohbi taghhom, Kienu l-genituri tieghu li kienu organizzaw kollox bla ma infurmawha.

Wara ezami bir-reqqa, hemm provi bizzejjed biex juru li l-attur irrenda ruhu hati ta' sevizzi, eccessi, ingurji gravi u theddid.

**KURA U KUSTODJA/ ACCESS**

Sallum jirrizulta li t-tifel D huwa maggorenni u ghalhekk ma fadalx aktar lok li jkun hemm decizjoni fuq dina l-parti tal-kawza.

**MANTENIMENT**

L-artikolu 3 tal-Kap.16 tal-Ligijiet ta' Malta jikkontempla illi:-

***"Il-partijiet fiz-zwieg ghandhom l-obbligu, kull wahda minnhom skond il-mezzi u l-hila taghhom, li jahdmu hekk jekk fid-dar kif ukoll barra mid-dar kif jinhtiegu l-interessi tal-familja, li jmantnu lil xulxin u jikkontribwixxu ghall-htigijiet tal-familja."***

Skond digriet tas-16 ta' Marzu, 2017 il-Qorti ordnat lill-attur ihallas manteniment ghall-minuri fis-somma ta' €350 fix-xahar u dan ikopri l-ispejjes kollha kemm edukattivi u medici tal-minuri. Imbaghad b'digriet tal-24 ta' Novembru, 2017 l-attur gie ordnat ihallas is-somma ta' €275 fix-xahar, oltre nofs l-ispejjez ta' edukazzjoni, sahha u attivitajiet extra-kurrikulari u gie ordnat ukoll li jhallas €50 fix-xahar akkont ta' sehem l-ispejjez ta' edukazzjoni, sahha u attivitajiet extra kurrikulari b'dan illi kull sitt xhur issir rikonciljazzjoni mal-ircevuti relattivi.[15]

L-attur illum huwa pensjonant u jircievi pensjoni netta ta' €1, 127.67 u ghalhekk ghandu ntrojtu sostanzjali. Il-konvenuta tahdem full-time bhala supervisor ma' Foster Clarks Limited u ghalhekk ghandha l-introjtu taghha ta' €1,500 grossi u ghalhekk, minkejja li tinsisti li ghandu jigi kkonfermat id-digriet ta' manteniment tas-16 ta' Marzu, 2017, gialdarba tahdem, huwa gust li l-ispejjez edukattivi u tas-sahha jigu maqsuma bejniethom u ghalhekk id-digriet tal-24 Novembru, 2017 jimmerita konferma, hlief li l-ammont ta' manteniment ghandu jizdied ghal €300.

Ghandu jigi ritenut illi llum it-tifel huwa maggorenni u ghalhekk l-manteniment ghandu jibqa' biss sakemm jaghlaq 23 sena diment li qieghed jistudja full-time.

---

[15] Ara fol. 263 tal-process

## DEKADENZA

In vista tal-fatt li l-Qorti wasslet biex iddecidiet li z-zwieg tfarrak irrimedjabilment minhabba htija tal-attur u mhux minhabba adulterju jew abbandun, l-applikazzjoni taht id-disposizzjonijiet tal-Artikolu 48 tal-Kodici Civili mhux applikabbli.

## KOMUNJONI TAL-AKKWISTI

1. Id-dar matrimonjali, flimkien mal-basement garage bl-indirizz 30, Triq Tommy Agius Ferrante, Mtarfa ghandha tinbiegh ghall-valur ta' mhux anqas minn €450,00 kif ivvalutat minn l-agenti Frank Salt u ghal liema valur ma jidhirx li hemm kontestazzjoni da parti tal-attur.[16]

2. Il-mobbli li jinstabu fid-dar matrimonjali ghandhom jinqasmu bejniethom, wara li jsir prospett taghhom bil-valuri rispettivi, hlief ghall-kcina li ghandha tinbiegh flimkien mad-dar matrimonjali.

3. Il-kontijiet bankarji ghandhom jigu assenjati lil kull parti rispettiva skond lil min jappartjeni l-kont.

4. Kull parti zzomm il-vettura taghha u cioe' lill-attur tigi assenjata l-Opel Astra bin-numru ta' registrazzjoni MUS 696, filwaqt li l-vettura Hyundai KBP 839 ghandha tigi assenjata lill-konvenuta.

[16] Ara fol. 347 tal-process.

**DECIDE**

Ghaldaqstant, ghal dawn il-motivi, dina l-Onorabbli Qorti taqta' u tiddeciedi billi:-

1. Tilqa' l-ewwel talba in parte, tiddikjara li l-attur irrenda ruhu hati ta' sevizzi, eccessi u ngurji gravi u tordna ukoll li l-attur ighix separatament mill-konvenuta u ghalhekk tilqa' l-ewwel kontro-talba;

2. Tastjeni milli tiehu aktar konjizzjoni tat-tieni u tat-tielet u r-raba' kontro-talba, stante li llum bin il-partijiet huwa maggorenni.

3. Tichad it-tielet talba u tilqa' is-sitt kontro-talba u tordna li l-attur ihallas manteniment ghall-iben hekk kif ribadit aktar 'l fuq fis-subinciz "Manteniment."

4. Tichad ir-raba' talba, mhux ghax hemm ragunijiet ta' dekadenza da parti tal-konvenuta, izda minhabba li hi mpjegata full-time u ghalhekk m'ghadx fadal lok li jkun hemm ordni ta' manteniment ghaliha, filwaqt li tirrespingi l-hames kontro-talba.

5. Tichad il-hames talba u t-tieni kontro-talba ghar-ragunijiet fuq esposti fuq "Dekadenza."

6. Tilqa' s-sitt talba u s-seba' kontro-talba u tordna l-likwidazzjoni u l-assenjazzjoni tal-komunjoni tal-akkwisti kif fuq deciz.

7. Tilqa' s-seba' talba u tinnomina lin-Nutar Ian Spiteri u l-kuraturi deputati tat-turn, sabiex jirrapprezentaw lill-eventwali kontumaci fuq l-istess att.

8. Tilqa’ t-tmien talba sakemm jirrizulta li hemm proprjeta’ parafernali.

9. Tilqa’ d-disa’ talba.

L-ispejjez ghandu jinqasmu f’ sehem indaqs bejn il-partijiet.

**Onor. Anthony G Vella**
**Imhallef**

**Deputat Registratur**